MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**DOREEN CLARKE**

Seduta ta' l-14 ta' Lulju, 2008

Numru. 139/2007

**Il-Pulizija**
**(Spettur Keith Arnaud)**

**vs**

**Mario Desira**

Kumpilazzjoni Numru, 139/2007

**Illum 14 ta' Lulju, 2008**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-imsemmi Mario Desira ta' 51 sena, iben Angelo u Adreana nee` Dimech, mwieled Hal Ghaxaq fis-17 ta' Settembru, 1956, detentur tal-karta ta' l-identita` bin-numru 632156M u residenti gewwa 58, 'Hilltop' B, Flat 3 B, Triq is-Sliem, Marsascala:

Akkuzat talli fit-8 ta’ Awissu, 2006 ghal-habta tas-01.00hrs, gewwa The Trees Bar and Restaurant fi Triq Manoel Dimech, Sliema, ikkaguna greihi ta’ natura gravi fuq il-persuna ta’ Andreas Gerhard Nelles u dan ai termini ta’ l-artikolu 216 (1b) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat l-artikolu 216(1)(b) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat il-kunsens ta’l-Avukat Generali sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputat ma kellux oggezzjoni li dan il-kaz jigi hekk trattat.

Semghat ix-xhieda.

Semghat it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat l-atti processwali.

Ikkunsidrat

Illi l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat hija dik li volontarjament ikkawza ferita ta’ natura gravi (mankament jew sfregju) ghad-dannu ta’ Andreas Gerhard Nelles.

Illi l-Qorti hija tal-fehma li ghandha tirrileva mill-ewwel diversi fatti dwar ix-xhiedha mghotija f’din il-kawza. Iz-zewg xhiedha okkulari, Raymond Cancio u Arthur Gauci, taw diversi dettalji a tempo vergine lis-surgent li mar fuq il-post u kien qed imexxi l-ewwel investigazzjonijiet; dawn l-istess persuni “ma ftakrux” dawn id-dettalji kollha waqt li kienu qed jixhdu quddiem il-Qorti. Anke l-iSpettur Veneziani li kienet originarjament fdata bil-prosekuzzjoni ta’ dan il-kaz hawwdet f’l-ismijiet tal-persuni koncernati waqt id-depozizzjoni taghha.

Illi pero anke jekk il-Qorti tistrih biss fuq dak li ftakru Cancio u Gauci waqt id-depozizzjoni taghhom, flimkien ma dak li xehdu s-surgent (illum l-Ispettur Arnaud) u l-kuntistabbli li marru fuq il-post ezatti wara li sehh l-incident kif ukoll dak li qalu l-parte leza u l-imputat, jirrizulta kwadru ta’ fatti car u li ma jhalliex dubbji dwar dak li gara f’l-incident in kwistjoni.

Illi fil-gurnata in kwistjoni l-imputat kien qed jattendi iekla ma grupp ta' nies ohra f' The Trees Bar and Restaurant. Kien hemm nies kemm gewwa ir-restaurant kif ukoll barra. Sid ir-restaurant, l-parte leza Andreas Gerhard Nelles, peress li kien sar certu hin kien preokkupat mill-istorbju li kienu qed jaghmlu n-nies li kien hemm barra ghalhekk hareg isikkiethom. Dawn ma siktux u hu rreagixxa billi bezaq mal-art, qal xi kliem dispreggjattiv fil-konfront tal-maltin in generali u anke tal-klienti tieghu stess, u rega dahal gewwa. L-imputat kien barra. Jirrizulta li dak in-nhar din ma kenitx l-ewwel darba li Nelles uza dan it-tip ta' kliem dispreggjattiv.

Illi meta Nelles dahal gewwa l-imputat dahal warajh u ex admissis tah daqqa ta' ponn; hu kien liebes curkett. Anke minn dak li ftakru Cancio u Gauci waqt id-depozizzjoni taghhom, ma jirrizultax li dak il-hin kien hemm xi glied jew argumenti fir-restaurant hlif ghad-daqqa lit a l-imputat lil Nelles. Malli l-imputat ta d-daqqa hareg 'l barra u kien Cancio li ta l-ewwel ghajnuna lil Nelles. Jirrizulta ukoll li l-unika persuna li telqet 'l barra meta nqala l-incident kien l-imputat.

Illi rinfaccjata b'dan il-kwadru ta' fatti l-qorti hija sodisfatta li l-imputat agreddixxa lill-parte leza u kkawzalu feriti f'wiccu u ghonqu.

Illi jirrizulta ukoll mill-provi prodotti, u anke wara li l-Qorti kellha l-opportunita tara l-ferita f'ghonq l-parte leza, li l-griehi sofferti minnu huma gravi ai termini ta'l-artikolu 216(1)(b).

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni min-naha l-fatt li l-imputat ghandu fedina penali kwazi netta u li huwa kkopera mal-pulizija. Min-naha l-ohra l-Qorti ma tistax ma tiehux in konsiderazzjoni ukoll l-fatt li l-vjolenza qatt m'hi risposta lecita u fic-cirkostanzi tal-kaz in ezami qatt ma tista' tigi gustifikata.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-artikolu 216(1)(b) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta iisib lill-imputat hati ta’l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u tikkundannah ghal prigunerija ghal perjodu ta’ erbgha (4) xhur li b’applikazzjoni ta’l-artikolu 28A ta’l-istess Kap 9 qed jigi sospiez ghal perjodu ta’ sena.

Il-Qorti spjegat lill-hati fi kliem car r-responsabbilta tieghu taht l-artikolu 28B tal-Kap 9 jekk huwa jikkommetti matul il-perjodu operattiv reat iehor li ghalih hemm piena ta’ prigunerija.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------